XEWKIJA

*MINUTI*
*KUNSILL LOKALI XEWKIJA*
*LAQGĦA NRU 413*
*IS-SITT KUNSILL - LAQGĦA NUMRU 41*
*Il-Ġimgħa 02 ta' Lulju, 2010*

*Il-Membri tal-Kunsill tax-Xewkija ltaqgħu fl-Uffiċċju tal-Kunsill u l-laqgħa bdiet fis-6.35pm.*

*Preżenti:* *Dr. Monica Vella - Sindku*
*Mr. Joseph Vella - Viċi Sindku*
*Mr. Teddy Mizzi*
*Dr. Marthese Portelli*
*Mr Hubert Saliba*

*Uffiċjali:* *Mr. Ruben Cassar*

*Intqalet it-talba.*

*Il-Minuti tal-Laqgħat Numru 410, 411 u 412 kienu tqassmu qabel u għalhekk ġew mgħoddija bħala moqrija u ġew approvati unanimament.*

**1. Mill-Minuti 410 paragrafu 6 iii**

*F'dan il-ħin, is-6.50pm, il-Kunsillier Teddy Mizzi daħal fil-kamra tal-laqgħat.*

Is-Sindku talbet li ssir din il-kjarifika dwar il-Konkferenza li sar l-Italja bħala parti mill-program Hence, li l-AKL kienet infurmat bih lill-Kunsilli Lokali li ffirmaw il-Patt tas-Sindki biex jattendu.

Peress li l-Konferenza kienet ser issir fil-jiem tal-festa l-applikazzjoni tal-Kunsill tagħna kienet intefgħet fl-aħħar ħinijiet. L-applikazzjoni saret peress li meta ħadna l-informazzjoni minn għand l-AKL, ġejna mħeġġa napplikaw peress li konna wieħed mill-għoxrin Kunsill Lokali eliġibbli u a bażi tal-fatt li mhux bilfors kellu jintgħażel il-Kunsill Lokali tagħna. Minkejja dan, l-għada li rreġistrajna l-interess tagħna, l-AKL bagħtet l-e ticket tal-vjaġġ mingħajr ma nfurmat lill-Kunsill li l-applikazzjoni tagħna kienet intgħażlet. Għalhekk minkejja li s-seminar kien fi żmien il-festa tar-raħal tagħna, is-Sindku kellha tattendi għal din il-konferenza peress li sabiex l-e ticket jiġi kanċellat minn naħa tal-AKL, l-istess AKL talbet li l-Kunsill irid jirrifondi l-e ticket.

**2. Il-Kunsill approva li jsiru l-ħlasijiet kif imniżżla fl-iskeda tal-pagamenti Nru. 6-29**

*F'dan il-ħin, is-7.30pm, il-Kunsilliera Marthese Portelli daħlet fil-kamra tal-laqgħat.*

**3. Korrispondenza: il-korrispondenza ġiet ċirkulata u diskussa**
**Mill-Korrispondenza**

XEWKIJA

*F'dan il-ħin, it-7.40pm, il-Viċi Sindku nforma lill-Kunsill li ma setgħax ikompli jattendi għal din il-laqgħa u għalhekk ħareġ mill-kamra tal-laqgħat.*

i. L-AKL infurmat lill-Kunsilli Lokali dwar il-ftehim li sar mal-WSC dwar ir-reinstatment tat-toroq. Kopja ta' dan il-ftehim intbagħat lill-membri kollha.

ii. Dun Anton Portelli mill-Kumitat Interdjoċesana – Żjara tal-Papa, informa lill-Kunsilli Lokali dwar ktieb li ġie ppubblika proprju dwar iż-żjara tal-Papa Beneditti XVI f'Malta. Dan il-ktieb qed jinbiegħ għal prezz speċjali ta' €15 flokk €20 lill-Kunsilli Lokali. Il-Kunsill qabel li nordnaw żewġ kotba biex jitpoġġew fil-librerija pubblika.

iii. Is-Sur Saviour Tabone, Kap tal-Iskola Primarja tax-Xewkija talab l-għajnuna tal-Kunsill biex isir u jitqassam fuljett lir-residenti tar-raħal tagħna b'informazzjoni dwar lezzjonijiet tal-ħjata. Il-Kunsill qabel li għandna ngħinu fil-pubblikazzjoni ta' dan il-fuljett.

iv. Xewkija Tigers FC talbu l-għajnuna finanzjarja tal-Kunsill biex tiġi organizzata xalata l-għada tal-festa. Il-Kunsill qabel li ma nistgħux nagħtu għajnuna finanzjarja għal din l-attivita ta' Xewkija Tigers FC peress li mhux permess bil-liġi.

v. Ġanna Farrugia li toqgħod 81, Triq l-Indipendenza lmentat mal-Kunsill dwar il-Bring in Sites li tpoġġew fi Triq Rotunda mal-ġenb tar-residenza tagħha fejn anke għandha t-twieqi jagħtu għal fuq l-istess Triq Rotunda. Il-Kunsill qabel li dawn il-Bring in Sites għandna npoġġuhom ftit ieħor 'l fuq u b'hekk ma jkunux faċċata ta' residenzi.

vi. Il-Viċi Sindku, l-Kunsillier Teddy Mizzi u l-Kunsilliera Marthese Portelli, f'ittri separati nfurmaw lill-Kunsill dwar ir-raġunijiet għalfejn ma attendewx numru ta' laqgħat. Il-Laqgħat numri 411 u 412 kienu laqgħat li ssejħu b'urġenza. Il-Viċi Sindku kien assenti għal Laqgħa Nru 412 filwaqt li l-Kunsilliera Marthese Portelli kienet assenti għal Laqgħat Nri 411 u 412. Il-Kunsill qabel unanimament li r-raġunijiet mressqa mill-membri msemmija għalfejn ma attendewx dawn il-laqgħat b'urġenza huma raġunijiet validi. L-ittri qed jiġu annessi ma' dawn il-Minuti. Il-Kunsill qabel li l-Viċi Sindku u l-Kunsilliera Portelli għandhom jieħdu l-allowance tal-Kunsillieri sħiħa. Dwar l-ittra tal-Kunsillier Teddy Mizzi li ma attendiex għal-laqgħa regolari tal-Kunsill (Laqgħa Nru 410) u li qed tiġi annessa wkoll ma' dawn il-Minuti, is-Sindku qalet li hija ma taqbilx li din hija raġuni valida. Is-Sindku qalet li hija tifhem li xi membru jista' jonqos milli jattendi għal-laqgħa b'urġenza peress li mhux dejjem ikun hemm żmien ta' avviż biżżejjed, iżda ma taċċettax raġunijiet għal nuqqas ta' attendenza għal-laqgħat li jkunu ilhom imsejħa aktar minn tlieta jew erba' ġimgħat. Il-Kunsillier Teddy Mizzi qal li dak in-nhar (Laqgħa Nru 410) huwa kellu jidħol xogħol b'urġenza li ma kienx previst u kien impossibbli għalih li jattendi. Huwa qal li dejjem jagħmel mill-aħjar li jista' u ma jfallix laqgħat u fil-fatt anke l-laqgħat li ssejħu b'urġenza kien attenda wkoll. Saret votazzjoni dwar jekk ir-raġuni miġjuba mill-Kunsillier Teddy Mizzi għalfejn naqas li jattendi għal-Laqgħa Nru 410 hiex valida jew le. Il-Kunsillieri Hubert Saliba, Marthese Portelli u Teddy Mizzi ivvutaw favur filwaqt li s-Sindku astjeniet. Għalhekk bi tliet

voti favur u astensjoni waħda il-Kunsill qabel l-Kunsillier Teddy Mizzi għandu jieħdu l-allowance tal-Kunsillieri sħiħa.

## 4. Materja oħra

i. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li kien attenda għal-laqgħa mal-Kumitat Tismija ta' Toroq nhar it-Tlieta 15 ta' Ġunju 2010. Matul din il-laqgħa l-Kumitat Tismija ta' Toroq informa lis-Segretarju Eżekuttiv li dwar Trejqet Taċ-Ċnus, din kienet diġa ġiet approvata mill-Kumitat u anke dehret fil-Gazzetta tal-Gvern u għalhekk issa ma tistax tinbidel. Dwar il-parti l-oħra tal-istess triq flokk Triq Majmuna, il-Kumitat qal li din għandha tissemma wkoll. Il-Kunsill kien ippropona li jekk jingħata isem ġdid, għandha tiġi kkunsidrata li tissemma Triq Rosa Magro. Il-Kumitat qabel dwar dan u għalhekk dik il-parti bejn Trejqet taċ-Ċnus u Triq Majmuna ser tissemma Triq Rosa Magro. Dwar Triq Ġidi, din ukoll kienet diġa ġiet approvata mill-Kumitat Tismija tat-Toroq u anke dehret fil-Gazzetta tal-Gvern u għalhekk issa ma tistax tinbidel. Dwar triq li minn Triq Madonna tal-Ħniena twassal għal Triq Tal-Ħorob, il-Kumitat se jistenna proposti minn naħa tal-Kunsill. Il-Kunsill iddiskuta dwar x'isem għandu jingħata lil din it-triq u qabel li tissemma kif kien ġie suġġerit mill-Kumitat Tismija tat-Toroq, jiġifieri Triq il-Bir tal-Franċiżi. Għalhekk il-Kumitat se jiġi nfurmat dwar dan.

ii. Karista Debrincat li toqgħod fi Triq Santa Marija talbat biex teħel mera tat-traffiku fl-istess triq kantuniera ma' Triq l-Għarus. Il-Kunsill ma qabilx ma' din il-proposta peress li diġa hemm mera tat-traffiku u m'hemmx bżonn li teħel oħra.

iii. Salvu Pace li joqgħod 57 Triq Manwala Xewkija, talab li l-bankina tal-post tiegħu ssir mill-ġdid peress li mkissra. Is-Sindku ppproponiet sabiex nitolbu lill-ħaddiema tal-IPSL (tal-Pooling System) biex jagħmlu l-bankini kollha tal-HOS tal-Barmil. Il-materjal irid jinxtara mill-Kunsill. Il-Kunsill qabel mas-suġġeriment tas-Sindku.

iv. Nazzarenu Azzopardi ta' 36 Triq Manwala Xewkija, talab sabiex bozza li hemm imwaħla mal-post tiegħu u li ilha imwaħla minn qabel il-lampi ġew devoluti lill-Kunsill, tinqala peress li qed tagħmillu l-ħsara fil-bini tiegħu. Fil-fatt aktar kmieni matul din il-laqgħa, Nazzarenu u Margaret Azzopardi kienu preżenti hawn għal din il-laqgħa u anke urew ritratti tal-ħsara li skond huma qed issir bil-bozza (ritratti annessi ma' dawn il-Minuti). Il-Kunsill qabel li din il-bozza għandha tinqala u teħel ma' arblu li hemm fil-qrib fl-istess triq kantuniera ma' Triq Dun Grezz Farrugia.

v. M'Anne Mercieca ta' 15 Triq is-Salib Xewkija, talbet biex jeħel bank ieħor ma' ġenb bank li diġa hemm fl-istess triq. Il-Kunsill qabel li m'hemmx spazju biżżejjed fejn jeħel bank ieħor u għalhekk ma qabilx mal-proposta ta' M'Anne Mercieca biex jeħel bank ieħor.

vi. Is-Segretarju nforma lill-Kunsill li ftit tal-jiem ilu kienu marru xi ħaddiema l-iskola primarja tax-Xewkija u qalu lil-librara Monica Mercieca li fil-librerija kienu ser isiru xi xogħlijiet peress li se tibda tintuża minn skrivani, fi ħdan il-Ministeru Għal Għawdex. Il-librara kienet ċemplet il-Kunsill u s-Segretarju qalilha biex ma tagħti ċwievet tal-librerija lil ħadd. Jekk sar xi ftehim li l-kamra se tittieħed, dan il-ftehim għandu jsir

mal-Kunsill. Is-Sindku qalet li kellha laqgħat u kuntatti dwar il-librerija pubblika u l-ftehim kien li din għandha titkabbar billi l-kamra ta' ma' ġenbha tingħaqad bħala parti mil-librerija. B'hekk il-librerija ikollha spazju d-dopju ta' dak li hemm fil-preżent u l-entratura tagħha tkun fuq in-naħa l-oħra. B'hekk biex tiftaħ il-librerija, il-librara ma jkollix bżonn tidħol l-iskola, iżda jkollha aċċess għal-librerija dirett mill-kuridur ta' barra.

vii. Is-Sindku nfurmat lill-Kunsill li kienu kkuntattjawha mill-Uffiċċju tal-IPSL biex il-Kunsill jaqleb lill-ħaddiema ex WSC u jittieħdu taħt l-iskema tal-pooling tal-IPSL. Il-Kunsill iddiskuta dwar din il-proposta u qabel li għandu jżomm mad-deċiżjoni li ħa ftit ilu u għalhekk il-ħaddiema tal-ex WSC jibqgħu jagħmlu xogħol mal-Kunsill matul is-sena kollha.

## 5. Laqgħa ma' Wasteserv Ltd

Nhar il-Ħamis 17 ta' Ġunju 2010, fl-uffiċju tal-Kunsill saret laqgħa ma' rappreżentanti tal-Wasteserv Ltd. Din il-laqgħa ntalbet li ssir minn naħa ta' Wasteserv Ltd. Preżenti minn naħa tal-Wasteserv Ltd kien hawn l-Inġ. Vince Magri, il-Perit Ivan Bartolo, Tony Bajada u Charles Spiteri. Minn naħa tal-Kunsill attendew is-Sindku, il-Kunsillier Teddy Mizzi u s-Segretarju Eżekuttiv.

Matul din il-laqgħa ż-żewġ naħat iddiskutew dwar proposti u xogħlijiet li kellhom isiru wara li kienu ġew diskussi aktar kmieni din is-sena f'laqgħa oħra bejn iż-żewġ naħat. B'hekk jekk xi affarjiet għadhom pendenti, dawn ikunu jistgħu jsiru.

Dwar is-CCTV viċin is-CA Site, Charles Spiteri ġie nkarigat biex jiltaqa' mal-Kunsillier Teddy Mizzi u flimkien jaraw fejn huwa possibbli li tiġi nstallata. B'hekk l-abbużi ta' tfigħ ta' skart għandhom jitnaqqsu.

Il-Kunsill u l-Wasteserv qablu li Tony Bajada għandu jikkuntattja lil Daniel Tabone tal-Greenpak biex flimkien ukoll mal-Kunsill nikkordinaw dwar kampanja edukattiva mar-residenti u anke mas-sidien tal-ħwienet dwar il-ġbir ta' skart separat.

Ġie diskuss ix-xogħol dwar il-Bring in Sites fl-inħawi Tal-Barmil HOS li ser ikunu taħt l-art. Dan il-proġett beda u mistenni li jitlesta fil-ġimgħat li ġejjien. Dan il-proġett qed isir mill-Wasteserv Ltd.

Il-Kunsillier Teddy Mizzi u Charles Spiteri għandhom jikkordinaw flimkien biex jitpoġġew żewġ pots oħra tax-xtieli fi Pjazza San Ġwann Battista.

Dwar Ġnien ta' Blankas, il-Kunsill għadda kopja tal-Project Description Statement u tal-permess tal-Mepa lill-Perit Bartolo. Minn naħa tal-Kunsill, għandu jiltaqa' mal-Perit Bianco biex huwa wkoll jgħaddi l-informazzjoni neċessarja lill-Wasteserv u b'hekk il-Perit Bartolo jkun jista' jaħdem fuq pjan ta' ħidma biex dan il-proġett ikun jista' jitwettaq. Is-Sindku staqsiet jekk il-Wasteserv humiex ser jgħinu lill-Kunsill dwar dan il-proġett fil-futur ukoll (manteniment regolari ta' kull sena). L-Inġinier Vince Magri qal li din m'għandix tkun problema u għalhekk ikunu jistgħu jgħinu lill-Kunsill biex dan il-ġnien jinżamm fi stat tajjeb.

Ġie diskuss ukoll it-terrapien li intrema matul is-snin fl-inħawi Ta' Lambert. L-Ing. Vince Magri nforma lill-Kunsill li minn naħa tagħhom għamlu survey dwar dawn l-inħawi. Peress li hemm ammont kbir ta' terrapien, l-ispiża biex jitneħħa hija konsiderevoli. Għalhekk huwa meħtieġ li jsir master plan u tintalab l-għajnuna tal-Gvern Ċentrali.

Il-Kunsill kien talab biex jinbena ħajt tas-sejjieħ fi Triq Kav. L. Z. Haber. L-Ing. Magri nforma lill-Kunsill li x-xogħol fuq dan il-ħajt qed isir u mistenni jkun lest fi ftit jiem oħra. Il-Kunsill talab biex jinbena parti oħra ta' ħajt tas-sejjieħ fl-istess triq peress li huwa perikoluż ukoll. L-Inġ. Magri qal li Charles Spiteri se jiġi nkarigat biex jiġbor stima u wara jiġi deċiż ikunx jista' jsir. Huwa qal ukoll li l-ispiża biex isir il-ħajt imsemmi aktar 'l fuq hija ta' madwar €5000 u din se titħallas kollha mill-Wasteserv Ltd.

Fl-aħħar ġie diskuss dwar xogħlijiet ta' tindif u twittija ta' toroq fl-viċinanzi tas-CA. Charles Spiteri ser ikun inkarigat biex jikkordina dan ix-xogħol.

Il-laqgħa spiċċat fid-8.45pm. Il-laqgħa li jmiss ser issir nhar il-Ġimgħa 6 ta' Awwissu, 2010 fis-6.30pm.

| | |
|---|---|
| Ruben Cassar | Av. Monica Vella |
| Segretarju Eżekuttiv | Sindku |

**Skeda ta' Pagamenti**

XEWKIJA

Data: 02.07.2010 Nru: 6-29

| Nru | Deskrizzjoni | Isem/Kuntrattur | Ammont (Euro) | Ċekk Nru |
|---|---|---|---|---|
| 1 | Entertainment Karnival 2010 | Frank Pace | 200.00 | 8098 |
| 2 | Tindif Ġunju 2010 | Publia Xerri | 50.00 | 8099 |
| 3 | Tindif Ġunju 2010 | Pauline Xerri | 50.00 | 8100 |
| 4 | Żebgħa | Toolmart | 8.88 | 8101 |
| 5 | Żebgħa | Hilite | 48.23 | 8102 |
| 6 | Materjal | Hilite | 72.62 | 8103 |
| 7 | Printing of leaflets (Lejlet Lapsi) | Culture Section | 250.00 | 8104 |
| 8 | Materjal | Reno's Ironmongery | 50.66 | 8105 |
| 9 | Unit - Xkaffi | John Apap | 88.50 | 8106 |
| 10 | Pendrive refill | Island Tech | 62.00 | 8107 |
| 11 | Accountancy Services | Johanna Caruana | 380.00 | 8108 |
| 12 | Xfafar - grass cuter | I.V. Portelli & Sons Ltd. | 70.00 | 8109 |
| 13 | Gorgion - Printing | B.C.D. Graphics Printing | 300.00 | 8110 |
| 14 | April 2010 - Tipping Fees | WasteServ Malta Ltd. | 1624.31 | 8111 |
| 15 | Ħriet - Mejju 2010 | Mario Zammit | 165.00 | 8112 |
| 16 | Pjanti etc. | Il-Ġardina | 570.00 | 8113 |
| 17 | Administration fees New lamp | Galea Curmi Eng. Cons. | 27.48 | 8114 |
| 18 | Contract Manager fees Ġunju 2010 | Galea Curmi Eng. Cons. | 88.40 | 8115 |
| 19 | Safety Shoes | Mario Zammit | 29.00 | 8116 |
| 20 | Attivita - Pjazza San Ġwann B. | Guard & Warden | 23.76 | 8117 |
| 21 | Services Ambulance - Karnival | Malta Red Cross Gozo | 187.50 | 8118 |
| 22 | Services of Fire Extinguishers | Alberta Fire & Security Equip. | 59.71 | 8119 |
| 23 | Żebgħa (Road Markings) | Tal-Mudell | 566.61 | 8120 |
| 24 | Cancelled | Refalo Signs | 838.98 | 8121 |
| 25 | Servizz Mejju 2010 - Public Conv. | Acc.Public Clean.Sec.Gozo | 282.53 | 8122 |
| 26 | Printing of Logo - Defile token | M.A.Vella | 141.60 | 8123 |
| 27 | Rubber Stamp | Playpen Stationery | 13.00 | 8124 |
| 28 | Servizz Mejju 2010 - Bulky Refuse | Joseph Attard | 118.26 | 8125 |
| 29 | Kerb & Cement | JCR Ltd | 22.15 | 8126 |
| 30 | Konkos | Vella Bros Ready Mix Ltd. | 42.48 | 8127 |
| 31 | P.A. System Defile 2010 | Mario Borg | 82.00 | 8128 |
| 32 | Kotba | Wise Owl Publications | 198.76 | 8129 |
| 33 | Ritratti | John Apap | 40.00 | 8130 |
| 34 | Bowzers Ilma Tisqija April/Mejju '10 | Richard Attard | 290.00 | 8131 |
| 35 | Materjal | Mallia Property & Develop. | 35.43 | 8132 |
| 36 | Servizz - Courier | Gozo Express Services | 14.16 | 8133 |

XEWKIJA

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 37 | Mejju 2010 Tipping Fees | WasteServ Malta Ltd. | 1436.21 | 8134 |
| 38 | Servizz Ġunju 2010 - Street Cleaning | Xewkija Tigers F.C. | 923.81 | 8135 |
| 39 | Konkos | Vella Bros Ready Mix Ltd. | 1434.88 | 8136 |
| 40 | Livellar Ta' Trejsu/Salvatur etc. | Joseph Magro | 1136.98 | 8137 |
| 41 | Servizz Ġunju 2010 - Librarara | Librara | 208.42 | 8138 |
| 42 | Servizz Triq Ċanga - Road Markings | Guard & Warden | 15.84 | 8139 |
| 43 | Attivita Pjazza San Ġwann B. | Guard & Warden | 150.93 | 8140 |
| 44 | Salarju Lulju 2010 | Segretarju Eżekuttiv | 1461.28 | 8141 |
| 45 | Salarju Lulju 2010 | Assistent Prinċipal | 1157.48 | 8142 |
| 46 | Mayors' Allowances Lulju 2010 | Sindku | 891.33 | 8143 |
| 47 | Councillors Allowances Lulju 2010 | Viċi Sindku | 480.00 | 8144 |
| 48 | Councillors Allowances Lulju 2010 | Kunsillier | 480.00 | 8145 |
| 49 | Councillors Allowances Lulju 2010 | Kunsillier | 480.00 | 8146 |
| 50 | Councillors Allowances Lulju 2010 | Kunsillier | 480.00 | 8147 |
| 51 | Taxxa u Bolla Lulju 2010 | C.I.R. | 1627.33 | 8148 |
| 52 | Avviż Tender Tarmak | Segretarju Permanenti (OPM) | 50.00 | 8149 |
| 53 | Telephone rental charge | Go plc | 13.87 | 8150 |
| 54 | Kont tat-telefon u fax | Go plc | 250.49 | 8151 |
| 55 | Maintenance of Traffic Signs | Refalo Signs | 738.68 | 8152 |
| 56 | Petty Cash Ġunju 2010 | Cash | 84.88 | 8153 |
| | | **Total €** | **20594.42** | |

Segretarju Eżekuttiv | Sindku | V. Sindku/Kunsillier

Approvati fil-Laqgħa tal-Kunsill 413